



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2011/0459(COD)**

23.4.2012

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-programm statistiku Ewropew tal-2013-2017  
(COM(2011)0928 – C7-0001/2012 – 2011/0459(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Derk Jan Eppink

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

### Proposta tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni pproponiet Regolament għall-istabbiliment tal-Programm Statistiku Ewropew, li se jipprovdi il-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea matul il-perjodu 2013 - 2017.

L-ammont totali ta' EUR 299.4 miljun (prezzijiet attwali) se jiġġarrab mill-baġit tal-UE għat-tul tal-programm.

### Kuntest Ġenerali

Skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea, għandu jitwaqqaf programm statistiku multiannwali Ewropew, li jipprovdi qafas għall-azzjonijiet tal-UE. Il-Programm Statistiku tal-Komunità (CSP) attwali, li jkopri l-perjodu 2008-2012, huwa s-seba' tat-tip tiegħu.

Il-Programm Statistiku Ewropew se jipprovdi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea matul il-perjodu 2013 - 2017. Għandu jwaqqaf prijoritajiet li jikkonċernaw il-ħtiġijiet ta' informazzjoni għall-għan li jitwettqu l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea. L-importanza ta' dawn il-ħtiġijiet għandha titqies fil-kuntest tar-riżorsi meħtieġa fuq livell tal-Unjoni u dak Nazzjonali sabiex tiġi pprovduta l-istatistika meħtieġa, kif ukoll tal-piż tar-rispons u l-ispejjeż assoċjati ta' min iwieġeb.

L-ESP se jkun is-soġġett ta' rapport interim tal-progress u rapport tal-evalwazzjoni finali wara li jiskadi l-perjodu tal-programm.

Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) hija s-sħubija bejn l-awtorita' tal-istatistika Komunitarja, li hija l-Kummissjoni (Eurostat), l-Istituti Nazzjonali tal-Istatistika (NSIs) u awtoritajiet nazzjonali oħra responsabbli f'kull Stat Membru għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea. Fis-snin riċenti l-ESS kellha tħabbat wiċċha ma' għadd ta' sfidi:

- L-ewwel nett, il-ħtieġa għal statistika Ewropea ilha tiżdied b'mod kontinwu, u mhuwiex probabbli li din it-tendenza se tinbidel fil-futur.
- It-tieni nett, in-natura tal-istatistika nbidlet – it-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq evidenza jeħtieġ statistika li tilħaq il-kriterji ta' kwalità konnessi mal-għanijiet speċifiċi li jkunu qegħdin iservu, u hemm ħtieġa li dejjem qiegħda tikber għal statistika multidimensjonali kumplessa li tappoġġja oqsma komposti ta' politika.
- It-tielet nett, minħabba li fis-suq tal-informazzjoni tfaċċaw atturi ġodda, inklużi dawk li jipprovdu informazzjoni f'ħin kważi reali, fil-futur il-prijorità għall-ESS hija l-kwalità u, fil-każ ta' statistika fuq perjodu qasir, li din l-istatistika tiġi pprovduta fil-ħin.
- Ir-raba' nett, il-limiti baġitarji kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll dak Ewropew, kif ukoll il-ħtieġa li jitnaqqas iżjed il-piż fuq l-impriżi u ċ-ċittadini jkabbbru l-isfida ppreżentata minn din is-sitwazzjoni.

## Prijoritajiet u Għanijiet

L-għan ewlieni tal-istatistika Ewropea huwa li l-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki Ewropej jissejsu fuq informazzjoni fattwali affidabbli, oġġettiva, kumparabbli u koerenti.

L-għan ġenerali tal-ESP huwa li s-Sistema Statistika Ewropea ssir il-fornitur ewlieni ta' statistika ta' kwalità għolja dwar l-Ewropa.

L-għanijiet predominanti li ġejjin għandhom jintlaħqu fl-azzjonijiet tal-istatistika kollha mwettqa għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm:

- Għan 1: jipprovi informazzjoni statistika ta' kwalità għall-appoġġ tal-iżvilupp, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-politiki tal-UE li jirriflettu tajjeb il-prijoritajiet;
- Għan 2: jimplementa metodi ġodda ta' produzzjoni ta' statistika Ewropea bil-mira li jkun hemm gwadann fl-effiċjenza u titjib tal-kwalità;
- Għan 3: isaħħaħ is-sħubija fis-Sistema Statistika Ewropea u lil hinn minnha sabiex tittejjeb iżjed il-produttività tagħha u r-rwol ta' tmexxija tagħha fl-istatistika uffiċjali madwar id-dinja kollha.

Barra minn hekk, sabiex timplimenta l-ESP, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma annwali li se jstabilixxu l-oġġettivi li għandhom jintlaħqu u r-risultati mistennija.

## Finanzjament

Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' dan il-programm huwa stabbilit għal EUR 299.4 miljun, inklużi EUR 57.3 miljun koperti mill-perjodu ta' programmar 2007 sal-2013 u EUR 242.1 miljun koperti mill-perjodu ta' programmar 2014 sal-2017.

## Emendi

Fid-dawl tal-kriżi finanzjarja, u partikolarment il-fatt li l-kriżi kienet aggravata min-nuqqas ta' statistika nazzjonali f'waqtha, preċiża u ta' kwalità għolja, ir-Rapporteur jissuġġerixxi li ġej:

- Statistika nazzjonali ta' kwalità għolja hi assolutament essenzjali għall-fini tat-tfassil tal-politiki kemm fuq livell nazzjonali u kemm fuq dak tal-UE, kif ukoll fil-kuntest tal-mekkaniżmi superviżorji taż-Żona tal-Euro.
- L-azzjonijiet meħuda fl-ESP iridu jkunu sorveljati mill-qrib u regolarment biex jiżguraw il-preċiżjoni u l-effiċjenza, u jevitaw l-irregolaritajiet; spezzjonijiet u verifiki fuq il-post iridu jitwettqu bħala regola aktar milli skont id-diskrezzjoni tal-Kummissjoni (Eurostat) jew l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).
- L-indipendenza u l-integrità tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika jridu jitħarsu sew, b'deterrent għat-transgressjonijiet permezz ta' pieni effikaċi. Fl-interess tat-trasparenza, l-Eurostat se jirreklama tagħrif dwar il-kwalità tal-istatistika nazzjonali, b'attenzjoni partikolari għal dawk l-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika li jkollhom prestazzjoni anqas tajba milli mistenni fuq bażi regolari.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva Paragrafu 1a (ġdid)

*Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva*

*Emenda*

***1a. Jinnota li l-pakkett finanzjarju speċifikat fil-proposta leġiżlattiva jikkostitwixxi biss indikazzjoni lill-awtorità leġiżlattiva u li dan ma jistax ikun stabbilit sakemm jintlaħaq qbil dwar il-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-Qafas Finanzjarju Multiannwali għas-snin 2014 - 2020;***

Or. en

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) Skont dak ir-Regolament, il-programm statistiku Ewropew għandu jipprovdi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-għanijiet tal-azzjonijiet maħsuba għal perjodu li ma jabiżx il-ħames snin. Għandu jistabbilixxi prijoritajiet li jikkonċernaw il-ħtiġijiet għal informazzjoni għall-fini li jitwettqu l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea. ***Dawk il-ħtiġijiet għandhom jitqiesu meta mqabbla mar-riżorsi meħtieġa fuq livell tal-Unjoni u dak nazzjonali sabiex tiġi pprovduta l-istatistika meħtieġa, kif ukoll meta***

(2) Skont dak ir-Regolament, il-programm statistiku Ewropew għandu jipprovdi l-qafas għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid ta' statistika Ewropea, l-oqsma ewlenin u l-għanijiet tal-azzjonijiet maħsuba għal perjodu li ma jabiżx il-ħames snin. Għandu jistabbilixxi prijoritajiet li jikkonċernaw il-ħtiġijiet għal informazzjoni għall-fini li jitwettqu l-attivitajiet tal-Unjoni Ewropea.

*mqabbla mal-piż tar-rispons u l-ispejjeż assoċjati ta' min iwieġeb.*

Or. en

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(2a) Fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji attwali kemm fuq il-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, l-importanza ta' dawn il-ħtiġijiet għandha titqies fil-kuntest tar-riżorsi meħtieġa fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali sabiex tiġi pprovduta l-istatistika meħtieġa, kif ukoll tal-piż tar-rispons u l-ispejjeż assoċjati ta' min iwieġeb. f'dan ir-rigward il-programm għandu jfittex li, kull meta jkun possibbli, isir iffrankar reali billi jiġu identifikati d-duplikazzjonijiet u l-ineffiċjenzi.*

Or. en

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(4) L-istatistika żviluppata, prodotta u mxerrda taħt dan il-programm *għandhom jikkontribwixxu* għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea, kif rifless fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u politiki oħra indirizzati fil-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni għall-2010-2014 (*jiġifieri governanza ekonomika*

(4) L-istatistika żviluppata, prodotta u mxerrda taħt dan il-programm *għandha tikkontribwixxi* għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni Ewropea, kif rifless fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u politiki oħra indirizzati fil-prijoritajiet strateġiċi tal-Kummissjoni għall-2010-2014 u *għandhaom titrawwem* permezz ta'

*msaħħa u integrata, tibdil fil-klima, politika agrikola rriformata, tkabbir u koeżjoni soċjali, l-Ewropa tal-persuni u l-globalizzazzjoni) u għandhom jiġu mħeġġa permezz ta' azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-programm fejn l-Unjoni Ewropea tista' ġġib valur miżjud ċar.*

azzjonijiet iffinanzjati taħt dan il-programm fejn l-Unjoni Ewropea tista' ġġib valur miżjud ċar.

Or. en

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa A – inċiż -1(ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*- L-ewwel nett, il-kriżi finanzjarja attwali wriet li statistika nazzjonali ta' kwalità baxxa jista' jkollha effetti devastanti fuq l-ekonomiji tal-Istati Membri rispettivi u tal-Unjoni b'mod ġenerali. Statistika ta' preċiżjoni u kwalità għolja konsistenti prodotta minn awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika totalment indipendenti, hija assolutament essenzjali għall-fini tat-tfassil tal-politika fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, speċjalment fil-kuntest tal-mekkaniżmi superviżorji taż-Żona tal-Euro.*

Or. en

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Recital 5 – indent 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*- L-ewwel nett, il-ħtieġa għal statistika Ewropea ilha tiżdied b'mod kontinwu, u mhuwiex probabbli li din it-tendenza se tinbidel fil-futur.*

*- It-tieni nett, il-ħtieġa għal statistika Ewropea ilha tiżdied b'mod kontinwu, u mhuwiex probabbli li din it-tendenza se tinbidel fil-futur.*

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 5 – inċiż 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- ***It-tieni nett***, in-natura tal-istatistika nbidlet – it-teħid ta’ deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza jirrikjedi statistika li tilħaq kriterji ta’ kwalità għolja konnessi mal-finijiet speċifiċi li tkun qed isservi, u hemm hteiga li dejjem qiegħda tikber għal statistika multidimensjonali kumplessa li *jappoġġja* oqsma komposti ta’ politika.

#### *Emenda*

- ***It-tielet nett***, in-natura tal-istatistika nbidlet – ***l-istatistika ma għadhiex sempliċement sors wieħed ta’ informazzjoni għall-fini tat-tfassil tal-politika, iżda issa daħlet fil-qalba tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet***. It-teħid ta’ deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza jirrikjedi statistika li tilħaq kriterji ta’ kwalità għolja konnessi mal-finijiet speċifiċi li tkun qed isservi, u hemm hteiga li dejjem qiegħda tikber għal statistika multidimensjonali kumplessa li *tappoġġja* oqsma komposti ta’ politika.

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 5 – inċiż 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- ***It-tielet nett***, minħabba li tfaċċaw atturi ġodda fis-suq tal-informazzjoni, inklużi dawk li jipprovdu informazzjoni f’ħin kważi reali, il-prijorità għall-ESS fil-futur hija l-kwalità għolja u b’mod partikolari, fil-każ ta’ statistika fuq perjodu qasir, il-puntwalità.

#### *Emenda*

- ***Ir-raba’ nett***, minħabba li tfaċċaw atturi ġodda fis-suq tal-informazzjoni, inklużi dawk li jipprovdu informazzjoni f’ħin kważi reali, il-prijorità għall-ESS fil-futur hija l-kwalità għolja u b’mod partikolari, fil-każ ta’ statistika fuq perjodu qasir, il-puntwalità.



## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 5 – inċiż 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

- ***Ir-raba' nett***, il-limiti baġitarji kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew kif ukoll il-ħtieġa li jitnaqqas iżjed il-piż fuq l-impriżi u ċ-ċittadini jkabbru l-isfida ppreżentata minn din is-sitwazzjoni.

#### *Emenda*

- ***Il-ħames nett***, il-limiti baġitarji kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew kif ukoll il-ħtieġa li jitnaqqas iżjed il-piż fuq l-impriżi u ċ-ċittadini jkabbru l-isfida ppreżentata minn din is-sitwazzjoni.

Or. en

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm, fejn ikun xieraq, għandha tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fil-Programm, b'kunsiderazzjoni *ta'* kwalunkwe ftehimiet rilevanti bejn dawk il-pajjiżi u l-Unjoni.

#### *Emenda*

(11) Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-Programm, fejn ikun xieraq, għandha tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi li ma jkunux qegħdin jipparteċipaw fil-Programm, b'kunsiderazzjoni *għal* kwalunkwe ftehimiet rilevanti, ***jew kull ftehim previst*** bejn dawk il-pajjiżi u l-Unjoni.

Or. en

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) ***Billi*** l-għan ta' dan ir-Regolament, prinċipalment li jitwaqqaf il-Programm Statistiku Ewropew ta' bejn l-2013 u l-2017, ***ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk***

#### *Emenda*

(13) L-għan ta' dan ir-Regolament, prinċipalment li jitwaqqaf il-Programm Statistiku Ewropew ta' bejn l-2013 u l-2017, jista' jintlaħaq aħjar fuq livell tal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea tista'

jista' jintlaħaq aħjar fuq livell tal-Unjoni Ewropea, l-Unjoni Ewropea tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex *tilħaq* dak il-għan.

**għalhekk** tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex *jintlaħaq* dak il-għan.

Or. en

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Premessa 14

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Twettqet evalwazzjoni ex-ante skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, sabiex tiffoka l-programm stabbilit minn dan ir-Regolament dwar il-ħtieġa għal effikaċja fl-ilħuq tal-għanijiet u sabiex il-limiti baġitarji jiġu inkorporati mill-fażi ta' tfassil tal-programm 'il quddiem. Il-valur u l-impatt tal-miżuri meħuda taħt il-Programm għandhom jiġu mmonitorjati u evalwati regolarment, inkluż minn evalwaturi esterni indipendenti. Għall-fini li jiġi evalwat il-programm, ġew ifformolati għanijiet li jistgħu jitkejlu u ġew żviluppatti indikaturi.

##### *Emenda*

(14) Twettqet evalwazzjoni ex-ante skont il-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda, sabiex tiffoka l-programm stabbilit minn dan ir-Regolament dwar il-ħtieġa għal effikaċja **u effiċjenza** fl-ilħuq tal-għanijiet u sabiex il-limiti baġitarji jiġu inkorporati mill-fażi ta' tfassil tal-programm 'il quddiem. Il-valur u l-impatt tal-miżuri meħuda taħt il-Programm għandhom jiġu mmonitorjati u evalwati regolarment, inkluż minn evalwaturi esterni indipendenti. Għall-fini li jiġi evalwat il-programm, ġew ifformolati għanijiet li jistgħu jitkejlu u ġew żviluppatti indikaturi.

Or. en

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4a (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

##### *Artikolu 4a*

## *Indipendenza u Trasparenza*

*Peress li l-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali jiffurmaw parti mill-ESS, kull Stat Membru għandu jiżgura l-indipendenza u l-integrità tal-awtorità tal-istatistika tiegħu. L-interferenza mill-gvernijiet fl-indipendenza tal-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika għandu jkollha deterrent effikaċi permezz ta' miżuri xierqa.*

*Fl-interessi tat-trasparenza, l-Eurostat jista' jiżvela pubblikament l-opinjoni tiegħu dwar il-livell ta' kwalità tal-istatistika nazzjonali. Meta uffiċċju nazzjonali tal-istatistika jkollu prestazzjoni anqas tajba milli mistenni fuq bażi rikorrenti, dan għandu jiġi enfasizzat u jsir pubbliku l-aktar kmieni possibbli. Għal dan il-għan, l-aġġornamenti perjodiċi tal-Eurostat għandhom jipprovdu informazzjoni dwar kull Stat Membru.*

Or. en

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u *kwalunkwe* attività illegali oħra, permezz ta' verifiki effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball **u, fejn ikun xieraq, permezz ta' penalitajiet effikaċi, *proporzjonati u ta'***

#### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu miżuri xierqa sabiex tiżgura li, meta jiġu implimentati azzjonijiet iffinanzjati taħt dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea jiġu mħarsa bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u *kwalunkwe* attività illegali oħra, permezz ta' verifiki **konsistenti u** effikaċi u, jekk jiġu skoperti irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti **kollha** mħallsa bi żball **flimkien ma'** penalitajiet effikaċi ta' deterrent.

deterrent.

Or. en

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) *jista'* jwettaq verifika u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi li jkunu kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk tkunx twettqet frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat taħt dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

L-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) *għandu* jwettaq verifika u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-operaturi ekonomiċi li jkunu kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan skont il-proċeduri stabbiliti fir-Regolament 2185/96 bl-għan li jiġi stabbilit jekk tkunx twettqet frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea b'konnessjoni ma' ftehim ta' għotja jew deċiżjoni ta' għotja jew kuntratt iffinanzjat taħt dan ir-Regolament.

Or. en